Kulleġġ San Nikola
Sekondarja Subien Naxxar

BS Naxxar

Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
Frar 2014

Suġġett: IR-RELIĠJON | Livelli: 5-6-7-8 | Ħin: SIEGĦA U NOFS

ISEM: ______________________ KLASSI: ____________

**TAQSIMA A – L-Awtentiċità** **(40 marka)**

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba li ssib hawn taħt.** *(8 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| xbieha | maskra | sinċieri | il-karatteristiċi |
| fdati | irrepetibbli | oriġinali | gidba |

1. Xi ħaġa tkun awtentika meta din tkun ______________ u mhux ikkupjata.
2. Kull bniedem huwa maħluq ______________ t'Alla.
3. Kull bniedem jingħaraf għax iġġorr ______________ li huma tiegħu biss.
4. Ġwanni Pawlu 2 qal li kull bniedem huwa uniku u ______________.
5. Biex naħbu l-identità tagħna jew biex nogħġbu lil ħaddieħor, faċli li nilbsu ______________ biex inħossuna aċċetati.
6. Min jilbes maskra ikun qed jgħix f'______________.



7. Irridu nneħħu l-maskra u nkunu ______________ u ma ngħixux f'gidba.
8. Meta nqarrqu b'ħaddieħor nispiċċaw ma nkunux ______________.

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(6 marki)*

9. Nikodemu (il-fariżew, il-pubblikan, is-samaritan) sabha bi tqila biex jifhem il-kliem ta' Ġesù meta dan qallu li wieħed jeħtieġ li jrid jitwieled mill-ġdid.

10. (Fit-Testment il-Ġdid, Fit-Testment il-Qadim) naqraw li (Ġakobb, Iżakk, Abraham) daħak b'ħuh Eżaw u seraqlu l-barka ta' missieru.

11. Fil-Bibbja (l-ilma, in-nar, it-trab) huwa simbolu tal-imħabba.

12. (Fil-Ġenesi, Fl-Atti tal-Appostli, Fis-Salmi) naqraw li Alla ħalaq lill-bniedem fis-sitt jum.

13. David u (Sawl, Ġonatan, Ġakobb) huma xhieda ċara ta' kif għandhom iġibu ruħhom bejniethom il-ħbieb.



**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata bħala għajnuna.** *(8 marki)*

14. "Jiena hu t-Triq, il-**V**______________ u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-**M**_______________ jekk mhux permezz tiegħi." *(Ġwanni 14, 6)*

15. **Ġ**_______________ hu l-iktar bniedem sħiħ, liberu u awtentiku.

16. "Is-saltna tas-smewwiet tixbah lil **t**_______________ moħbi f'għalqa, li wieħed raġel isibu u jaħbih, u kollu ferħan ibigħ kulma jkollu u jixtri dik l-għalqa." *(Mt 13, 44)*

**Aqra s-silta u wieġeb.**

"L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba mhijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzji, imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti. L-imħabba ma tintemm qatt." ***(1Kor 13, 4-8)***

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

17. Min kiteb dan l-innu ta' mħabba? *(marka)*

(a) Ġesù (b) San Pawl (c) Iżakk

18. F'liema ktieb bibbliku nsibu din is-silta? *(marka)*

(a) Fl-ewwel ittra lill-Korintin

(b) Fl-ittra lill-Efesin

(c) Fl-Atti tal-Appostli



**Wieġeb fil-qosor.**

19. Ikteb **żewġ** eżempji ta' kif Ġesù wera' l-imħabba tiegħu lejn l-oħrajn.

(a) ______________________________________________ *(marka)*

(b) ______________________________________________ *(marka)*

20. Fit-tieni vers naqraw li '*l-imħabba ma tagħmilx dak li mhux xieraq*.' Agħti eżempju biex tispjega dan.

______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

21. Ikteb **żewġ** modi ta' kif inti bħala Nisrani tista' tħobb lill-oħrajn.

(a) ______________________________ *(marka)*

(b) ______________________________ *(marka)*

22. Min huma dawk li jistgħu jgħallmuna verament kif inħobbu lill-oħrajn.

(a) ______________________________ *(marka)*

(b) ______________________________ *(marka)*

**Wieġeb fit-tul.**

F'madwar **80 kelma**,

(a) Semmi u spjega **żewġ** eżempji meta nilbsu maskra u ma nkunux awtentiċi.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ *(4 marki)*

(b) Semmi u spjega **żewġ** eżempji kif għandna nħobbu lil sħabna.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ *(4 marki)*

**TAQSIMA B – Bniedem Sħiħ** **(35 marka)**

**Qabbel kolonna A ma' kolonna B.** *(6 marki)*

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1. Is-sinċerità. | | Opinjoni li wieħed jagħmel fuq ħaddieħor qabel jiltaqa' miegħu. |
| 2. Il-paċenzja. | | Meta tfittex li tgħid dak li hu veru. |
| 3. L-umiltà. | | Meta tkun meħlus minn kull dnub. |
| 4. Il-preġudizzju. | | Din tista' twassal biex bniedem iħossu waħdu. |
| 5. Is-solitudni. | | Hija l-perseveranza u l-istennija biex twettaq dak li hu tajjeb. |
| 6. Il-libertà. | | Hija l-virtù ta' min kapaċi jagħraf il-kapaċitajiet tiegħu u ma jikbirx fuq ħaddieħor. |

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(5 marki)*

7. Kulma ħalaq Alla huwa (bla saħħa, tajjeb, ta' kwalità inferjuri).
8. (Is-solitudni, Il-virtù, L-umiltà) hija bħal drawwa li tagħmel it-tajjeb.
9. F'relazzjoni ma' ħaddieħor importanti li jkun hemm (il-flus, il-fiduċja, il-preġudizzju).
10. Fis-sagrament (taż-żwieġ, tal-ordni sagri, tal-qrar) nirċievu l-maħfra mingħand is-saċerdot.
11. (Lill-mifluġ, Lil Lazzru, Lil San Pietru), Ġesù qallu "Qum, dnubietek maħfura."

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata bħala għajnuna.** *(8 marki)*

12. Lil **P**_______________ Ġesù qallu li m'hemmx limitu kemm wieħed għandu jaħfer.

13. San Girgor ta' Nissa kien jgħid li l-għan ta' ħajja mżejna bil-virtù hu li ssir tixbah lil **A**_______________.

14. "Ngħidilkom is-sewwa, jekk ma terġgħux issiru bħat-tfal, ma tidħlux fis-**S**_______________ tas-Smewwiet." *(Mt 18, 2-3)*

15. "Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll intom ħobbu lil **x**_______________. *(Ġw 13, 34)*

**Wieġeb fil-qosor.**

16. Liema huma **l-erba'** virtujiet kardinali?

(a) ________________________________________ *(marka)*

(b) ________________________________________ *(marka)*

(c) ________________________________________ *(marka)*

(d) ________________________________________ *(marka)*

17. F'liema nasba u vizzji s-solitudni tista' twassal lill-bniedem?

____________________________________________________________

____________________________________________________________ *(2 marki)*

18. Agħti **żewġ** raġunijiet għaliex il-bniedem ifittex li jkun parti minn grupp.

(a)____________________________________________________________ *(marka)*

(b)____________________________________________________________ *(marka)*

19. Ġesù aċċetta u laqa' għandu lil kulħadd mingħajr ma għamel xi preġudizzju. Agħti eżempju mill-ħajja ta' Ġesù biex turi dan.

________________________________________________________ *(2 marki)*

**Aqra u wieġeb.**

Kamil din is-sena beda jattendi l-iskola tagħna għall-ewwel darba. Kamil hu ta' nazzjonalita' Afrikana. Ġie adottat minn familja Maltija. Meta rajtu l-ewwel darba fil-klassi ħassejtni skomdu nersaq lejh u nkellmu għax hu ta' nazzjonalita' u reliġjon differenti minn tiegħi. Anke l-kulur tal-ġilda huwa differenti minn tagħna l-Maltin. Sħabi wkoll bdew iħarsu lejh b'mod differenti.

20. Huwa sew li n-Nisrani jġib ruħu differenti ma' persuni ta' nazzjonalità u reliġjon differenti minn tiegħu? Għaliex?

______________________________________________________________

________________________________________________________ *(2 marki)*

21. Martin Luther King kien wieħed minn dawk li ġġieled kontra r-razziżmu. Int, bħala Nisrani, kif tista' tiġġieled il-preġudizzji kontra nies bħal Kamil?

______________________________________________________________

________________________________________________________ *(2 marki)*

22. Lill-mara li nqabdet fl-adulterju, il-kittieba u l-Fariżej riedu jħaġġruha. Int bħala Nisrani, kif għandek iġġib ruħek meta xi ħadd jiżbalja?

______________________________________________________________

________________________________________________________ *(2 marki)*

**TAQSIMA C – Relazzjonijiet** **(25 marka)**

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba li ssib hawn taħt.** *(6 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| tempju | dnub | ġisimkom |
| mixtrija | għaż-żina | Alla |

"Il-ġisem mhuwiex _______________ iżda għall-Mulej, u l-Mulej huwa għall-ġisem... Aħarbu ż-żina! Kull _______________ li wieħed jagħmel hu 'l barra minn ġismu, iżda min jagħmel iż-żina jkun qiegħed jidneb kontra ġismu stess. Jew ma tafux li ġisimkom hu _______________ tal-Ispirtu s-Santu, li jinsab jgħammar fikom, li għandkom minn _______________? Ma tafux li intom m'intomx tagħkom infuskom? Bil-għoli kontu _______________! Mela agħtu ġieħ lil Alla permezz ta' _______________."

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(2 marki)*

1. Persuna għandha tapprezzak (fuq l-apparenza, fuq kemm kapaċi tħobb, fuq kemm għandek flus).

2. Bejn tnejn li jħobbu lil xulxin huwa ferm importanti li (jkun hemm infedeltà, jsibu ħin għal-komunikazzjoni, jfittxu jgħaġġlu biex jiżżewġu).



**Wieġeb fil-qosor.**

3. Semmi **żewġ** perikli li rridu noqogħdu attenti minnhom biex nibżgħu għal ġisimna.

   (a) ______________________________________________ *(marka)*

   (b) ______________________________________________ *(marka)*

4. Għaliex koppja li jinħabbu m'għandhomx jgħaġġlu fir-relazzjoni ta' bejniethom?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ *(2 marki)*

5. Xi tfisser 'fedeltà' fiż-żwieġ?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ *(2 marki)*

6. "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed." *(Ġen 2, 24).* Xi tfisser il-frażi **ġisem wieħed**?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ *(2 marki)*

**Kompli din is-sentenza.**

7. "Intom irġiel, ħobbu lin-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-______________." (Ef 5, 25) *(marka)*



**Wieġeb fit-tul.**

F'madwar **80 kelma**, ikteb dwar **erba' (4)** okkażżjonijiet li jistgħu jkissru r-relazzjoni ta' mħabba bejn koppja. *(8 marki)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**